

Is-Smigħ ta' Joe Borg (Sajd)

Waqt is-smigħ tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew, is-Sur Joe BORG, Kummissarju nominat għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, rrisponda għall-mistoqsijiet li sarulu mill-MPE dwar is-sajd u l-politika marittima Ewropea. Is-Sur Borg qal li ż-żewġ għanijiet prinċipali fil-portafoll tiegħu huma li jassigura ġejjieni għall-politika Ewropea tas-sajd, u li jaħdem sabiex tiffassal politika marittima Ewropea li tiġġenera benefiċċji tanġibbli għall-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha.

Is-Sur Borg qal li kien sejjer jaħdem sabiex l-industrija tas-sajd issir aktar kompetittiva u aktar sostenibbli. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet hemm bżonn li jitnaqqsu l-livelli ta' sajd. Is-Sur Borg ammetta li dan jista' joħloq tbatija fil-ġejjieni mmedjat - iżda wiegħed li jagħmel ħiltu kollha sabiex din it-tbatija tittaffa kemm jista' jkun. Fir-rigward ta' l-aspett soċjali, s-Sur Borg qal li kien ser jagħmel użu mill-istrumenti kollha tal-Kommunita' sabiex jindirizza l-problemi tal-qgħad f'dan is-settur kif ukoll sabiex itejjeb is-sigurta' tas-sajjieda. Fir-rigward ta' l-aspett ekonomiku tas-sajd, huwa qal li kien jeħtieġ li jiġu ndirizzati l-problemi tal-kompetitivita' u l-profitabilita' tas-settur f'suq dejjem aktar globali.

Dwar l-affarijiet marittimi, s-Sur Borg tkellem dwar l-għanijiet tat-*Task Force* li ġiet inkarigata sabiex tfassal *Green Paper* dwar il-politika marittima ewropea. It-*Task Force* ser iżżom quddiem għajnejha l-għan ta' żvilupp sostenibbli kif kien identifikat f'Lisbona u f'Gothenburg.

Koperazzjoni mall-Parlament Ewropew

Għall-mistoqsijiet li għamlulu diversi MPE dwar koperazzjoni mall-PE, s-Sur Borg wiegħed li jikkopera mal-PE hekk kif kien jagħmel qabel Frans Fischler. Huwa qal li kien iħares lejn din il-koperazzjoni mhux bħala obbligu iżda bħala aspett li jżid il-valur tax-xogħol tiegħu.

B'risposta għall-mistoqsija ta' Carmen FRAGA ESTEVEZ (EPP-ED, ES), huwa qal li kien ser jaħdem mill-qrib mall-Kumitat tal-PE dwar is-Sajd sabiex jinħoloq mekkaniżmu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni ta' sħubija mal-PE, sakemm il-proċedura ta' kodeċiżjoni tkun applikata fil-qasam tas-Sajd kif hemm maħsub fit-Trattat tal-Kostituzzjoni.

Mediterran

Għall-mistoqsijiet li għamlulu numru ta' MPE dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-reġjun tal-Mediterran u li bħalissa qiegħdha terġa' tiġi ddraftjata, s-Sur Borg qal li kien lest isib soluzzjoni għall-kunċern li kienu qajmu s-sajjieda u l-MPE. Dan il-kunċern kien wassal sabiex il-PE rrifjuta l-ewwel proposta tal-Kummissjoni, aktar kmieni din is-sena.

Għall-mistoqsija li għamillu Francesco MUSOTTO (EPP-ED, IT) dwar is-sajd mhux sostenibbli minn flottot minn pajjiżi terzi, s-Sur Borg qal li l-UE għandha tkun *leader* biex tikkumbatti dan l-aġir. Huwa qal li fil-CFGM, l-UE għandha tteġġeġ sabiex pajjiżi terzi mill-Mediterran jadottaw regoli, li jekk mhux identiċi għal dawk li tħaddan l-UE jkunu jqarbu sew lejhom. Huwa żied jgħid li l-UE għandha tuża l-possibilita' ta' ftehim bejn l-UE u pajjiżi terzi mill-Mediterran, sabiex dawn ta' l-aħħar idañflu regoli li jiżguraw sajd aktar sostenibbli fil-baċin tal-Mediterran.

Kumitati Konsultattivi Reġjonali (RAC)

Fost l-MPE li tkellmu dwar il-futur tal-Kumitati Konsultattivi Reġjonali, Elspeth ATTWOOLL (ALDE, UK) staqsiet jekk kienx possibbli li dawn jingħataw rwol maniġerjali u jekk dan kienx kompatibbli mat-Trattati tal-UE. Is-Sur Borg wieġeb li l-ewwel l-RAC "kellhom bżonn jitgħallmu kif jimxu". Wara li jgħaddu tlett snin isir reviżjoni u jekk jinstab li jkunu wettqu xogħol siewi wieħed ikunu jista' jara. |

Is-Sur Borg qal li l-ewwel Kumitat Konsultattiv Reġjonali li kien ser jitwaqqaf kien dak tal-Baħar Nordiku. Dan ser isservi bħala *prototype* għall-RAC oħra. Huwa qal li kien jispera li l-RAC għall-baħar tal-Mediterran jitwaqqaf sas-sena d-dieħla.

Għall-mistoqsija ta' Sean O'NEACHTAN (UEN, IE) dwar jekk I-RAC kienux ser ikollhom fondi biżżejjed biex joperaw, is-Sur Borg wieġeb li fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-PE dwar is-Sajd, I-fondi għall-operat tal-RAC kienu ġew irdoppjati għal aktar minn 200,000 Ewro u li skond hu dan kien livell adegwat ta' fondi.

Pariri Xjentifiċi

Bosta MPE, fosthom Henrik Dam KRISTENSEN (PES, DK), ilmentaw dwar il-ħtieġa ta' pariri xjentifiċi fil-qasam tas-sajd aktar korretti. Is-Sur Borg qal li fl-opinjoni tiegħu l-problema ma kienetx l-analiżi xjentifika iżda d-data li kienet qed tiġi pprovduta mill-Istati Membri.

Ftehim dwar is-Sajd ma' pajjiżi terzi

Bosta MPE staqsew lis-Sur Borg kif il-ftehim tas-sajd ma' pajjiżi terzi jgħin l-iżvilupp ta' dawn l-istess pajjiżi. Għall-mistoqsija li għamillu Heinz Kindermann (PES, DE), is-Sur Borg wieġeb li n-natura ta' dawn il-ftehim kienet inbidlet u li issa kienu qed ikunu ibbażati fuq il-kunċett ta' approċċ ta' sħubija. Huwa żied jgħid li dawn ix-xorta ta' ftehim kienu jippermettu l-flotta Ewropea tistad fil-ibħra ta' pajjiżi terzi, b'kumpens finanzjarju xieraq biex itejjeb s-settur tas-sajd f'dawn il-pajjiżi. Fost oħrajn, il-ftehim jaħsbu sabiex perċentaġġ ta' sajjieda fuq il-flotta Ewropea li tistad fil-ibħra ta' dawn il-pajjiżi jkun ċittadini mill-pajjiżi terzi.

Is-Sur Borg qal li kien ser jaħdem mill-qrib mall-Kummissarju responsabbli għall-iżvilupp sabiex dawn il-ftehim isservu ta' għajjnuna għal dawn il-pajjiżi terzi li ħafna minhom huma sotto żviluppati.

Għall-kritika ta' Carl SCHLYTER (GREENS,EFA, SE) dwar il-fatt li l-PE huwa nformat tard wisq dwar il-ftehim ta' sajd ma' pajjiżi terzi, s-Sur Borg wiegħed li kien ser jagħmel minn kollox sabiex fil-futur il-MPE ikunu nformati kmieni biżżejjed sabiex jippreparaw il-pożizzjoni tagħhom.

It-TAC u l-Kwoti

Meta Patrick LOUIS (IND/DEM, FR) staqsa jekk il-pjanijiet ta' rkupru kienux ser ikunu applikati għall-ħut kollu, s-Sur Borg wieġeb li dawn kienu ser ikunu proposti biss għal l-ispeċi ta' ħut li jkunu qed jinqerdu.

Għall-mistoqsija ta' Chris DAVIES (ALDE, UK) jekk is-sistema tat-TAC u l-kwoti kienetx ser tibqa l-istrument primarju għall-immaniġjar tas-sajd u jekk is-Sur Borg kienx ser idaħħal sistemi ġodda bħal *direct fishing effort management*, il-Kummissarju nominat wieġeb li l-proposta għall-Mediterran ma kienet ibbażata fuq it-TAC u l-kwoti, iżda fuq *direct fishing effort management*. Huwa spejga li din kienet tinvolvi sistema ta' kontroll tad-daqs tax-xibka, tal-attrezzaturi eċċ. Is-Sur Borg qal li għad jassal iż-żmien li l-UE tabbanduna s-sistema tat-TAC u tal-kwoti.

Is-Sajd Illegali

Dwar il-problema ta' sajd illegali u l-fatt li xi Stati Membri kienu qed jaqbżu l-kwoti tagħhom, s-Sur Borg qal li r-riforma tal-Politika Komuni għas-Sajd (PKS) taħseb sabiex issaħħaħ il-kontroll tas-sajd fi ħdan l-Istati Membri. Huwa qal li forsi kien hemm bżonn li l-istruttura tal-Kummissjoni biex isiru spezzjonijiet diretti fl-Istati Membri tkun imsaħħa wkoll.

Reġjuni periferali

Dwar il-mistoqsija li għamlitlu Margie SUDRE (EPP-ED, FR) dwar il-fatt li r-riforma tal-Politika Komuni għas-Sajd (PKS) kienet ser tpoġġi fid-dubju l-*waiver* għar-reġjuni periferali, s-Sur Borg ammetta li ma kienx ser ikunu aktar possibbli wara Diċembru ta' din is-sena, li sajjieda f'dawn ir-reġjuni jirċievu għajjnuna sabiex jibnu dgħajjes ġodda.

Duarte FREITAS (EPP-ED, PT) staqsa jekk is-Sur Borg kienx ser jipproponi miżuri sabiex tiġi ppreservata s-sistema dgħajfa tal-ekosistema tar-reġjuni periferali. Is-Sur Borg qal li hu kellu

"interess dirett dwar din il-problema" u li kien sejjer jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward sabiex jisgura li l-problema ta' fraġilita' tal-ekosistema ta' reġjuni periferali bħal Madeira u l-Azores tkun imħarsa.

Affarijiet Marittimi

Meta kien mistoqsi sabiex jikjarifika r-responsabilita' tiegħu fil-qasam tas-settur marittimu, s-Sur Borg spjega li t-trasport u s-sigurta' marittima kienu r-responsabilita' tal-Kummissarju BARROT. Huwa qal li kien biss responsabbli għat-*Task Force* li kienet inkarigata sabiex tfejji *Green Paper* li twassal għall-formulazzjoni ta' Politika Marittima Ewropea.

Mistoqsi dwar il-kompożizzjoni ta' din it-*Task Force*, s-Sur Borg qal li din għandha tkun komposta fil-livell tal-Kummissarji u li hu kien ser jipprevedi. Bħala tweġiba għall-mistoqsija li kien ser ikunu nvoluti numru kbir wisq ta' Kummissarji (daqqs 10) u li dan seta' jnaqqas mill-effiċjenza tat-*Task Force*, s-Sur Borg qal li n-natura u l-forma ta' din it-*Task Force* kienu għadhom iridu jiġu mfassla. Huwa żied jgħid li jista' jkun li din it-*Task Force* tiegħu l-forma ta' *Core Group* - speċjalment Kummissarji li għadhom ir-responsabilita' tal-politika tat-trasport, tal-ambjent u tal-enerġija - u *Outer Group* li jkun biss involut meta tkun ser tiġi diskussa tema li tolqothom.

Għall-mistoqsija dwar meta kienet ser titwaqqaf din it-*Task Force* kif ukoll meta jaħseb li tkun lesta l-*Green Paper*, is-Sur Borg wieġeb li din ser titwaqqaf kmieni fis-sena 2005 u li l-*Green Paper* tkun lesta sa l-2006.

Involvement tal-partijiet interessati

Għall-mistoqsija li għamillu David CASA (EPP-ED, MT) dwar il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-aħjar mod li jagħmel dan, is-Sur Borg wieġeb li kien ser jinvolvi lill-partijiet interessati eżatt kif kien għamel matul il-proċess tan-negożjati tas-sħubija ta' Malta mal-UE.

Għal mistoqsija oħra dwar l-istess tema, s-Sur Borg qal li l-involvement tal-partijiet interessati, bħas-sajjieda u r-rappreżentanti tagħhom, kien neċessarju sabiex miżuri għas-sostenibbilta' tas-settur tas-sajd jiġu aċċettati.

5.10.2004

Kumitat: Sajd

President: Philippe MORILLON (ALDE, FR)

Għall-aktar information:

Theresa Cutajar - tel. +32 (0)2 2831082 - e-mail: tcutajar@europarl.eu.int